# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 19**

**Rikors numru 30/09 AE**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Homes Assurance Company**

**v.**

**Carmen Abela u Sylvester Tabone**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat li s-soċjetà ppreżentat fit-13 ta' Jannar, 2009, u li jaqra hekk:

> "1. Illi s-socjeta' esponenti harget polza ta' l-assigurazzjoni numru 017334102001 flimkien mac-certifikat relattiv numru 08/32738 a favur ta' l-intimata Carmen Abela fir-rigward ta' l-uzu tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG 374.

"2. Illi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Lulju, elfejn u sebgha (2007) l-istess intimata Carmen Abela kienet involuta f'incident awtomobilistiku waqt illi hija kienet qed issuq il-vettura JBG 374 u f'liema incident l-intimat l-iehor, Sylvester Tabone, allegatament sofra danni, inkluza debilita' permanenti fuq il-persuna tieghu;

"3. Illi konsegwentement ghal tali incident, l-intimat Sylvester Tabone pproceda fil-konfront ta' l-intimata Carmen Abela permezz tal-kawza fl-ismijiet "Sylvester Tabone (I.D. 16089(M)) vs. Carmen Abela (I.D. 423673(M))", fejn l-istess Sylvester Tabone talab, fost ohrajn, li jigi deciz u ddikjarat li l-intimata Carmen Abela kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku surriferit u kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenti ghall-istess incident;

"4. Illi permezz ta' l-ittra ufficjali datata tlieta (3) ta' Settembru, elfejn u tmienja (2008) mibghuta lis-socjeta' esponenti a tenur tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimat Sylvester Tabone informa lill-istess socjeta' esponenti li huwa kien ipprezenta l-kawza hawn fuq msemmija fil-konfront ta' Carmen Abela;

"5. Illi ricentement is-socjeta' esponenti giet a konoxxenza tal-fatt illi l-intimata kienet diga' giet akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli, fost ohrajn, waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG 374, riesqa lejn *pedestrian crossing* hija ma naqsitx il-velocita' u waqfet waqt li din kienet qed tigi uzata mill-pubbliku;

"6. Illi in vista ta' tali akkuza, l-intimata Carmen Abela giet immultata hamsin lira Maltin (LM 50) u skwalifikata ghal xahar milli zzomm licenzja tas-sewqan;

"7. Illi l-intimata Carmen Abela naqset milli tinforma lis-socjeta' esponenti b'dan meta giet biex tohrog u sussegwentement iggedded il-polza ta' l-assigurazzjoni taghha fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG 374, tant illi wiegbet fin-negattiv ghad-domanda espressa dwar jekk kenitx giet misjuba hatja ta' xi reat fil-hames snin ta' qabel il-hrug tal-polza, meta tali domanda missha giet imwiegba fl-affermattiv;

"8. Illi tali nuqqas jikkostitiwixxi qerq u/jew habi ta' fatt sostanzjali u/jew rapprezentazzjoni ta' fatt li kien falz f'xi partikolarita' sostanzjali u ghaldaqstant jaghti raguni li ghaliha l-polza tista' u ghandha tigi annullata skond il-ligi b'tali mod li s-socjeta' esponenti ma tkunx aktar obbligata illi taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi, inkluz favur l-intimat Sylvester Tabone;

"9. Illi fi kwalunkwe kaz, l-intimata Carmen Abela naqset milli tezercita, kemm qabel kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza tal-assigurazzjoni, l-*uberrimae fidei* rikjesta minnha mil-ligi;

"10. Illi debitament interpellata sabiex tirritorna c-certifikat tal-assigurazzjoni relattiv, l-intimata Carmen Abela baqghet inadempjenti.

"Jghid ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi illi:

1. "Tiddikjara illi l-polza ta' l-assigurazzjoni bin-numru 017334102001 li tkopri l-uzu tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG 374 inharget b'qerq u/jew b'habi ta' fatt sostanzjali u/jew rappresentazzjoni ta' fatt li kien falz f'xi partikolarita' sostanzjali u/jew li fi kwalunkwe kaz l-intimata Carmen Abela naqset milli tezercita, kemm qabel u kif ukoll wara l-hrug tal-imsemmija polza ta' l-assigurazzjoni, l-*uberimmae fidei* rikejsta minnha mil-ligi;

2. "Tiddikjara li l-istess polza giet ghalhekk validament kancellata *ab initio*, skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza u skond il-ligi, b'tali mod illi s-socjeta' esponenti ma tkunx aktar obbligata illi taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi inkluz favur l-intimat Sylvester Tabone;

3. "Tordna lill-intimata Carmen Abela tirritorna c-certifikat originali ta' l-assigurazzjoni numru 08/32737 mahrug u kkonsenjat lill-intimata mis-socjeta' esponenti, jew jekk dan jirrizulta mitluf jew distrutt, li taghmel u taghti lis-socjeta' attrici dikjarazzjoni mahlufa f'dan is-sens.

"Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' attrici kontra l-intimati, jew min minnhom, u bl-ingunzjoni ta' l-istess intimata, jew min minnhom, ghas-subizzjoni".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Sylvester Tabone li in forza tagħha eċċepixxa:

1. "Illi, preliminarjament l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici f'dina l-kawza;

2. "Illi, preliminarjament ukoll, ir-rikors guramentat hekk kif prezentat mis-socjeta' attrici huwa null ai fini u effetti tal-ligi stante illi kemm fil-premessi u kemm fit-talbiet attrici m'hemmx indikat kif fil-fatt jinkwadra l-esponent f'dina l-kawza u dana bi ksur ta' l-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. "Illi jidher illi l-azzjoni hekk kif mressqa hija wahda ai termini ta' l-artikolu ghaxra (10) sub-inciz (3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-azzjoni hekk kif mressqa hija wahda *fuori termine* u dana a tenur ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi;

4. “Illi, a rigward tal-mertu ta’ din il-kawza, in-nullita’ o meno tal-polza ta’ assikurazzjoni li l-konvenuta Carmen Abela kellha mas-socjeta’ attrici, ma tista’ bl-ebda mod tippregudika l-posizzjoni ta’ l-esponent hekk kif esposti fil-kawza fl-ismijiet ‘*Sylvester Tabone vs. Carmen Abela’* – Rikors Guramentat Nru 886/08 – per Imhallef Lino Farrugia Sacco, u fl-ahjar ipotesi ghas-socjeta’ attrici din ma tistax tinza mill-obbligi imposti fuqha mil-ligi versu l-konvenut Sylvester Tabone, izda ghandha azzjoni ta’ rivalza fil-konfront tal-konvenuta Carmen Abela u dana wara li hi thallas lill-esponent;

5. “Illi, fil-mertu, li ma kienx hemm ‘*disclosure of a material fact*’ li kienet twassal lis-socjeta’ assikurattiva attrici halli ma tohrogx polza ta’ l-assikurazzjoni a favur tal-konvenuta Carmen Abela u dana ghaliex il-fatt in kwistjoni hu xi haga ‘de minimis’ u dak li tidher li qed tipprova tittenta taghmel issa s-socjeta’ assikurattiva hu li tinza mill-obbligi taghha bhala assikuratur versu Carmen Abela;

6. “Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mill-ligi”.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Carmen Abela li in forza tagħha eċċepixxa illi:

1. “Illi, fl-ewwel lok, l-pretiza tas-socjeta’ assikurattrici attrici hija nfondata kemm bhala fatt u kemm bhala dritt stante li mhux minnu li l-konvenuta Abela hbiet informazzjoni minn u/jew qarrqet bl-istess socjeta’ assikurattrici attrici meta ghaddiet ghat-tigdid tal-polza ta’ assigurazzjoni *de qua;*

2. “Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-allegazzjoni ta’ *dolo* u *mala fede* sollevati mis-socjeta’ assikurattrici attrici fil-konfront tal-konvenuta Abela ghandhom, fuq l-istregwa ta’ l-Artikoli 562 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jigu konkretament ippruvati mill-istess socjeta’;

3. “Illi, fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta’ assikurattrici attrici ghandha, ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, tiddemostra li kwalsiasi affermazzjoni u/jew informazzjoni minnhom allegatament zblajata kienet ta’ natura daqshekk sostanzjali u/jew materjali li tivvizzja r-relazzjoni kontrattwali ezistenti bejniethom u li tissarraf f’*non-disclosure of material information;*

4. “Illi, fir-raba’ lok u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccipit, jigi rilevat u sottolineat in-natura ta’ l-offiza li taghha kienet instabet hatja l-konvenuta Carmen Abela fis-7 ta’ Lulju 2004, ossija talli kisret dispost fl-Avviz Legali Numru 94 tas-sena 1969 [illum-il gurnata rakkjuz fil-Ligi Sussidjarja 65.05 tal-Ligijiet ta’ Malta] rez

punibbli ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta bhala kontravvenzjoni u mhux bhala delitt;

5. "Illi in aggjunta mal-paragrafu precedenti, u dejjem minghajr pregudizzju, il-htija misjub fil-procediment penali menzjonat ma ghandhies tikkwalifika bhala *'non-disclosure'* ta' informazzjoni ta' natura materjali u/jew sostanzjali li jintitola lis-socjeta' attrici thassar il-polza *de qua* u dan ghax *de minimis non curat lex;*

6. "Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, jigi rilevat li kienet l-istess socjeta' assikurattrici attrici, meta kienet qed timtela l-appoziat formula, li fformulat l-mistoqsija erronjament jew mhux b'mod adegwat u li kwalsiasi mmarkar fuqha sar esklussivament minnha u mhux mill-konvenuta Abela u li ghaldaqshekk hi m'ghandhiex tigi pregudikata ghall-*imprudenza altrui;*

7. "Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-prezenti azzjoni ma hi xejn hlief tentattiv sabiex tigi evitata u mhassra l-polza ghad-dannu tat-terz danneggjat, tentattiv prekluz milli jsir ai termini tad-disposti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hlief ghal ragunijiet serji hemm espressament kontemplati;

8. "Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti qatt ma giet interpellata mis-socjeta' attrici sabiex tirritorna c-certifikat tal-assigurazzjoni taghha.

9. "Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri permessi mil-Ligi".

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuta Carmen Abela li in forza tagħha eċċepiet illi:

"1. Illi ai termini tal-artikolu 158 (11) l-esponenti temenda ir-risposta guramentata taghha billi izzied l-eccezzjoni li dawn il-proceduri hekk kif imressqa mhux konformi mal-artikolu ghaxra (10) sub-inciz tlieta (3) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta".

Rat illi fis-16 ta' Diċembru, 2009, is-soċjetà attriċi irrinunzjat għall-kawża fil-konfront tal-konvenut Sylvester Tabone;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri u:

"Tiddikjara li l-kawza m'hijiex ammissibbli ghaliex saret wara t-terminu kontemplat fl-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104. Ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni li nghatat fit-twegiba ulterjuri mill-konvenuta.

1. "F'kull kaz tichad it-talba tal-attrici in kwantu tiddikjara li ma nghatatx prova li l-fatt hu sostanzjali skond id-definizzjoni li hemm fl-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

"Spejjez a karigu tal-kumpannija attrici inkluzi dawk tal-konvenut Tabone".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. "Il-konvenuta kellha l-vettura JBG 374 assigurata mal-attrici. Fil-25 ta' Ottubru 2005 saret il-*proposal form* (fol. 28).

2. "Fil-21 ta' Lulju 2007 il-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet involuta f'incident tat-traffiku fejn waqt li kienet qeghda ssuq il-vettura, tajret lil Sylvester Tabone.

3. "Sylvester Tabone harrek lil Carmen Abela f'kawza civili li ghadha pendenti[1].

4. "Ittiehdu proceduri kriminali kontra Carmen Abela b'tahrika datata 20 ta' Settembru 2007. L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet fl-24 ta' Ottubru 2007. L-imputazzjonijiet kienu jinkludu li saqet il-vettura b'mod perikoluz u traskurat u velocita' eccessiva, li kkagunat griehi ta' natura gravi fuq Sylvester Tabone u li kienet recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Lulju 2004. Joseph Cassar, ufficjal tal-kumpannija attrici, ikkonferma li: *"… minhabba l-incident de quo, Carmen Abela kellha tahrika kriminali. Ghas-seduta in kwistjoni ahna qabbadna lill-avukat taghna sabiex jattendi ghas-seduta u jsegwi l-proceduri li kien hemm kontra Carmen Abela, u dan sar sabiex jigi verifikat, biex kienet akkuzata u sabiex nseguw l-allegat griehi soffrut f'dan l-incident. Minn hemm l-avukat taghna nfurmana li Carmen Abela kienet recidiva. Kitibitilna biex tibghatilna kopja ta' l-akkuza u din ghaddietilna tikkonferma li kienet recidiva."* (seduta tat-30 ta' Novembru 2010). Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2011 David Debono, *claims manager* mal-kumpannija attrici, ikkonferma li fid-19 ta' Ottubru 2007 l-attrici kienet infurmathom bil-kawza kriminali u li l-kumpannija

[1] **Sylvester Tabone vs Carmen Abela** (886/2008) prezentata fit-3 ta' Settembru 2008.

baghatet avukat ta' fiducja taghha ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2007.

5. "L-attrici ssostni li meta saret il-proposal form il-konvenuta ma kenitx tat taghrif li fis-7 ta' Lulju 2004 kienet instabet hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li naqset milli tnaqqas il-velocita' u tieqaf meta kienet qeghda ssuq il-vettura JBG374 fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, waqt li l-vettura kienet qeghda riesqa *pedestrian crossing* li kienet qeghda tintuza mill-pubbliku. Il-konvenuta giet ikkundannata thallas multa ta' Lm50 u giet skwalifikata mil-licenzja ghall-perjodu ta' xahar.

"Din il-kawza qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104[2]. Fatt ikkonfermat mill-attrici stess fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat fid-29 ta' Lulju 2011[3].

"Ghalkemm il-konvenuta qalet li kienet infurmat lill-persuna li ghenitha timla' l-*proposal form* bis-sentenza tas-7 ta' Lulju 2004 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali[4]:-

i. "Il-*proposal form* hi ffirmata mill-konvenuta. Dan fih innifsu hu konferma, min-naha tal-attrici, ta' dak li hemm dikjarat fid-dokument.

ii. "Fil-*proposal form* hemm domanda: *"Have you or any person who to your knowledge will drive, been convicted of any offence during the past 5 years ?"*, it-twegiba hi *"No"*.

"F'dan ir-rigward fl-affidavit l-attrici qalet li t-twegiba ghad-domanda numru hamsa (5) tal-proposal form kienet: *"Jien wegibtu li kont gejt immultata Lm50 fuq incident u li kelli ukoll xahar sospensjoni mill-qorti tat-traffic. Hu kien weghgibni li la din kienet kawza kriminali din ma kenitx tghodd u b'hekk kien hu stess li immarka l-kaxxa No"* (fol. 40). Il-qorti ma tistax tqies din il-verzjoni bhala l-verita' meta tqies:-

i. "Id-domanda numru hamsa (5) tikkoncerna proprju proceduri kriminali. Ghalhekk il-qorti ma temminx li jekk tat it-taghrif li qalet l-iskrivan kien ser ighidilha li t-twegiba kienet 'le', u dan peress li l-kaz kien jitratta dwar proceduri kriminali.

---

[2] *"Ebda somma ma jkollha titħallas mill-assiguratur awtorizzat taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, jekk,* ***f'kawża mibdija qabel, jew fi żmien tliet xhur wara, li jinbeda l-proċediment li fih tkun ġiet mogħtija s-sentenza****, hu jkun ħa dikjarazzjoni illi, apparti mid-disposizzjonijiet tal-polza, huwa għandu jedd li jannullaha minħabba li kienet ittieħdet bil-ħabi ta' fatt sostanzjali jew billi ġie rappreżentat fatt li kien falz f'xi partikolarità sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza għal dik ir- raġuni, illi kellu jedd li jagħmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet tagħha".*

[3] *"Illi l-azzjoni odjerna hija ghalhekk fondata fuq l-art. 10(3) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta) li effettivament jipprovdi li l-assigurazzjoni ma tkunx aktar tenuta li thallas lit-terz daneggat f'kaz illi jkun hemm habi da parti tal-assigurat ta' fatt sostanzjali materjali……"* (fol. 66).

[4] Ara per ezempju affidavit a fol. 40.

ii. “In kontro-ezami l-konvenuta bidlet il-verzjoni meta qalet: *“Hemm sibt lil Oliver Busuttil. Beda jsaqsini l-mistoqsijiet. Nghid li sa minn qabel beda jsaqsini d-domandi, nghid li mal-ewwel infurmajtu illi fis-sena 2004 kelli incident tat-traffiku u kienu ttiehdu passi kriminali kontra tieghi, u b'rizultat ta' dan wehilt Lm50 u licenzja sospiza ghal xahar u dan ghaliex ghajjart persuna minn go tieqa. Dan ghedtlu sabiex jara jekk jassiguranix”*. Fl-affidavit qatt ma qalet li qaltlu li l-licenzja giet sospiza ghaliex ghajjret persuna.

iii. “Licenzja tas-sewqan tigi sospiza f'kazijiet ta' offizi tar-regolament tat-traffiku. Il-qorti m'ghandix dubju li persuna midhla tal-assikurazzjoni tal-vetturi hi konxja minn tali fatt, u fuq bazi ta' probabilita' kienet tistaqsi ghall-iktar taghrif kieku hu minnu li l-konvenuta tat dik l-informazzjoni. Certament li ma kienx ser ighidilha, kif qalet il-konvenuta, *“[….] dan ma kellux x'jaqsam.”*.

“Mill-atti l-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk il-persuna li ghenet lill-konvenuta fil-mili tal-*proposal form* u hrug tal-polza kenitx qeghda tagixxi bhala agent tal-assikurazzjoni jew *broker* tal-assikurazzjoni. Madankollu, fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex determinanti in kwantu l-qorti m'hijiex sodisfatta li tnizzlu affarijiet li l-attrici ma qalitx jew li ma tnizzlux affarijiet li setghet qalet lill-iskrivan.

“Azzjoni taht l-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 trid tkun bazata fuq ‘il fatt ta' *“habi ta' fatt **sostanzjali**”* jew *“gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita' **sostanzjali**”*.

“‘Il fatt li t-twegiba registrata fil-*proposal form* hi negattiva, ma jfissirx li s-sentenza tas-7 ta' Lulju 2004 hu fatt sostanzjali. Dan hu apprezzament li trid taghmel il-qorti skond il-provi li jitressqu u c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u indipendentement mid-domanda li hemm fil-*proposal form*. Din il-qorti ma taqbilx mal-fehma li ladarba hemm domanda fil-*proposal form*, ‘il fatt li t-twegiba hi hazina jissarraf fin-nuqqas ta' l-ghoti ta' *fatt sostanzjali* ghal finijiet tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104. Jigi rilevat ukoll li fl-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104 hu car kemm din it-tip ta' azzjoni hi indipendenti mill-kondizzjonijiet tal-polza. Dan minkejja li fit-tieni talba l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li:-

> “*“[….] l-istess polza giet ghalhekk validament kancellata ab initio **skond il-kundizzjonijiet tal-istess polza** u skond il-ligi b'tali mod illi s-socjeta esponenti ma tkunx aktar obbligata illi taghmel tajjeb ghal kwalunkwe kumpens likwidat favur terzi inkluz favur l-intimat Sylvester Tabone.”* (enfazi tal-qorti).

“Hu car li l-ghan wara din il-kawza hi li f'kaz li l-konvenuta Abela tigi kkundannata thallas xi danni, l-attrici tevita li twettaq l-obbligu li thallas skond l-Artikolu 10 tal-Kap. 104. Il-kondizzjonijiet tal-polza m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-azzjoni kontemplata f'dak il-provvediment, li jipprovdi zewg cirkostanzi li fihom polza tista' tigi annullata:-

- “habi ta’ fatt sostanzjali (‘*non-disclosure of a material fact’*); jew
- “gie rapprezentat fatt li kien falz f’xi partikolarita’ sostanzjali;

“Fatt sostanzjali huwa ta’ *“xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta’* ***assiguratur prudenti*** *meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u, f’dan il-każ, b’liema premium u taht liema kondizzjonijiet.”* (Artikolu 10(5) tal-Kap. 104).

“F’dan il-kaz bit-twegiba li hemm registrata fil-*proposal form* ghad-domanda li saret lill-konvenuta, hemm fatt li hu falz. Biex wiehed iqies jekk dan il-fatt kienx sostanzjali, il-qorti tqies rilevanti li:-

(a) “l-imputazzjoni relatatata mal-kaz tad-29 ta’ April 2004 kienet kontravenzjoni, hekk kif wara kollox ikkonfermat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-sentenza li tat fit-2 ta’ Frar 2011 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmen Abela**. Tant hu hekk li f’dak il-kaz il-konvenuta giet liberata mill-imputazzjoni ta’ recidiva.

(b) “Bejn meta sehh il-kaz fil-Mosta (29 ta’ April 2004) sakemm saret il-*proposal form* (25 ta’ Ottubru 2005) kienu ghaddew tmintax-il xahar.

(c) “il-kaz sehh fid-29 ta’ April 2004, filwaqt li l-incident tat-traffiku li fih ittajjar Sylvester Tabone sehh fil-21 ta’ Lulju 2007, cjoe’ iktar minn tlett snin wara. Ma rrizultax li fl-intervall ta’ dawn iz-zewg dati l-attrici regghet giet misjuba hatja ta’ ksur tar-regolamenti tat-traffiku;

(d) “wara li sehh l-incident u saret il-claim[5], il-kumpannija assiguratrici xorta baqghet iggedded il-polza ta’ assikurazzjoni. Jirrizulta li dan gara fl-1 ta’ Novembru 2007 (Dok. DD5), u l-1 ta’ Novembru 2008. Kien biss b’ittra datata 19 ta’ Settembru 2009 (Dok. DD8) li l-attrici nfurmat lill-konvenuta li: *“We regret to inform you that in view of recent underwriting restrictions we are not in a position to offer renewal of your policy.”*. Madankollu mill-fatti hawn fuq elenkati hu probabbli li l-kumpannija attrici kienet taf bis-sentenza tas-7 ta’ Lulju 2004 qabel sar it-tigdid tal-polza fl-1 ta’ Novembru 2008.

(e) “Ma saru l-ebda mistoqsijiet lill-konvenuta sabiex jigi stabbilit x’gara ezatt fid-29 ta’ April 2004 gewwa Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta. Per ezempju m’hemmx taghrif dwar:-

(f)

- “Il-velocita’ li kienet qeghda ssuq biha;
- “F’liema parti taz-zebra crossing kienet qeghda t-terza persuna fil-pedestrian crossing meta ghaddiet il-vettura misjuqa mill-attrici;

“Jibqa’ ‘l fatt li l-konvenuta giet sospiza mill-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta’ xahar, li m’huwiex perjodu qasir.

[5] Il-claim saret fit-23 ta’ Lulju 2007.

"'Il fatt li l-kaz kien jitratta dwar velocita' eccessiva fil-vicinanzi ta' *pedestrian crossing* waqt li persuna kienet qeghda taqsam abbinat mas-sospensjoni tal-licenzja ghas-sewqan ghall-perjodu ta' xahar, is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2004 setghet kienet partikolarita' sostanzjali fis-sens li l-attrici setghet per ezempju imponiet *premium* ghola jew kondizzjonijiet differenti meta giet biex tikkunsidra t-talba ghall-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni. Pero' l-qorti m'hijiex tal-fehma li wahedha din hi xi prova determinanti li **assiguratur prudenti** kien ser jirrifjuta li jassigura lill-attrici jew li jimponi kondizzjonijiet iktar oneruzi. Hu fatt li l-prova trid issir mill l-attrici. Il-prova ta' assiguratur prudenti ma ssirx sempliciment billi l-kumpannija assiguratrici li taghmel tipproponi kawza ta' din ix-xorta, wara li jinqala' l-incident u ssir il-*claim*, tghid x'kienet taghmel kieku kienet giet infurmata bil-fatt. Dik m'hijiex prova oggettiva izda wahda soggettiva. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi ta' dak li jaghmel **assiguratur prudenti**, jekk hemm bzonn billi jitressqu rapprezentanti ta' kumpannija assiguratrici ohra li joperaw f'Malta fl-istess tip ta' polza[6]; *"The evidence from other independent experts who represent the prudent insurer as to the opinion on the question is now admissible to prove materiality of a non-disclosure, and is needed to help the judge, who cannot pretend to be a prudent insurer, discover the standards and practice of the notional prudent insurer."* (*The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law*, S. Park[7], pagna 80). Haga li ma saritx f'dan il-kaz.

"Inoltre, jibqa' fatt li l-assikurazzjoni giet imgedda fl-1 ta' Novembru 2008 minkejja li l-attrici kienet taf bis-sentenza tal-4 ta' Lulju 2004. M'hemmx prova li t-tigdid sar taht xi kondizzjonijiet differenti minn dawk li kienu jirregolaw il-polza meta sehh l-incident fil-21 ta' Lulju 2007. Ghall-qorti t-tezi tal-attrici li l-konvenuta naqset milli taghti fatt sostanzjali hi nkompatibbli mat-tigdid tal-polza meta l-attrici kienet diga' taf b'tali fatt. Hu evidenti li ghall-attrici 'l fatt sar sostanzjali xi zmien wara li giet prezentata l-kawza civili 886/2007. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-agir tal-kumpannija attrici hu konferma li ma kenitx tqies is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2004 bhala fatt materjali.

"Hemm ukoll il-kwistjoni jekk din il-kawza saritx fit-terminu kontemplat mil-ligi. Diga' ssemma kif fin-nota ta' sottomissjonijiet hemm dikjarazzjoni espressa tal-attrici li l-kawza qeghda ssir ai termini tal-Artikolu 10(3) tal-Kap. 104.

"Il-qorti tibda billi tosserva kif wara li fl-20 ta' Ottubru 2009 il-qorti cahdet it-talba ghall-isfilz tat-twegiba ulterjuri tal-konvenuta Abela, fis-16 ta' Dicembru 2009 l-attrici rrinunzjat ghall-kawza fil-konfront ta' Tabone. Dak il-konvenut kien ressaq l-eccezzjoni l-kawza kienet saret wara t-terminu kontemplat mil-ligi (tielet eccezzjoni a fol. 17).

---

[6] Il-qorti m'hijiex tghid li ma jezistux kazijiet fejn m'hemmx bzonn li ssir prova simili ghaliex il-kaz ikun ovvju u l-qorti tkun tista' tasal ghall-konkluzjoni mill-fatt innifsu.

[7] Dartmouth, 1996.

"Il-perit legali kkonkluda wkoll li gialadarba l-eccezzjoni li l-kawza ma gietx prezentata fit-terminu kontemplat fl-Artikolu 10(3) ma nghatatx *in limine litis*, ghandha tigi michuda. Il-perit legali ghamel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri)[8] li kkonkludiet li eccezzjoni ta' dekadenza ma tistax tinghata fl-istadju ta' appell. Il-qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali meta tqies:-

1. "Wiehed mill-elementi essenzjali ta' azzjoni ta' din ix-xorta hi li tigi pprezentata sa tliet xhur wara li ssir il-kawza dwar ir-responsabbilta' bejn il-vittma u l-assigurat.

2. "It-terminu kontemplat fl-Artikolu 10(3) hu perentorju, u ghalhekk ma jistax ikun sospiz jew interrott.

3. "Dak li nghad fi-sentenza **Giuseppe Sammut – vs- Notaro Edoardo Pellegrini Petit**, Appell Civili, 16 ta' Jannar 1920 (Vol XXIV pI p276): "*quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicche di prescrizione, e' termine di decadenza, nel senso che, **decorso quel termine, quell'atto non sarebbe piu`ammissibile**. La dottrine pone il criterio distintivo in cio` che, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia I caratteri di questa, di trattera' di una decadenza".* Fil-kawza **Joseph Vella nomine vs Anthony Migneco et** nomine deciza minn din il-qorti[9] fid-9 ta' Gunju 2005, gie wkoll trattat il-punt dwar it-terminu perentorju li fih kellha ssir il-kawza[10]. Il-qorti osservat: *"Skadut dak it-terminu, l-azjoni mhix aktar ammisibbli (ara "Camilleri vs Micallef", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998) u l-Qorti, ghalhekk, tista' u anzi ghandha tissolleva dan il-punt ex officcio, (ara wkoll "Surprise Yachts Ltd vs Rosso", decisa min din il-Qorti fil-21 ta' April, 2004, fejn gie osservat, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza precedenti, li la darba it-terminu hu perentorju tad-dritt "lanqas hi ammessa rinunzja ghall-eccezzjoni bhal din").".*

4. "Irrispettivament jekk f'dan ir-rigward il-konvenut jatix eccezzjoni formali, gialadarba ma tistax issir il-kawza wara li jghaddi terminu perentorju, din hi materja li tista' wkoll tirrileva l-qorti minn jeddha. Wara kollox hekk jigri per ezempju f'kaz ta' spoll fejn biex tirnexxi l-azzjoni l-atturi irid jissodisfa tlett elementi, fosthom li l-kawza ssir fi zmien xahrejn.

"Din il-kawza giet prezentata fit-13 ta' Jannar 2009, filwaqt li l-kawza fl-ismijiet **Sylvester Tabone vs Carmen Abela** (886/08) giet prezentata fit-3 ta' Settembru 2008. Jidher ghalhekk li l-azzjoni m'hijiex ammissibbli gialadarba din il-kawza ma saritx fit-terminu ta' tlett (3) xhur wara li bdiet il-kawza 886/2008".

[8] **Atlas Insurance vs Cassar Cooper** tat-22 ta' Novembru 2006.
[9] Imhallef Tonio Mallia.
[10] Azzjoni redibitorja fir-rigward ta' mobbli.

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha:

> ".. thassar u tirrevoka is-sentenza appellata datata 29 ta' Lulju, 2013 u dan billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata appellata".

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawża jirriżulta li s-soċjetà attriċi harġet polza ta' assigurazzjoni favur il-konvenuta Carmen Abela fir-rigward tal-użu tal-vettura tagħha. Din kienet involuta f'inċident awtomobilistiku li fih allegatament sofra danni l-konvenut l-ieħor Sylvester Tabone. Is-soċjetà attriċi ressqet din il-kawża biex tħassar il-polza ta' assigurazzjoni peress illi qed tallega li l-konvenuta Abela, meta mliet il-proposta, ħbiet fatt materjali peress illi ma żvelatx illi kienet instabet ħatja mill-Qorti Kriminali talli ma naqqsitx il-veloċità u ma waqfetx ma *pedestrian crossing* waqt li din kienet qed tiġi wżata mill-pubbliku; din Carmen Abela ġiet immultata Lm50 u skwalifikata għal xahar mil-liċenzja tas-sewqan.

L-ewwel Qorti sabet li kien minnu li l-konvenuta Abela ħbiet dan il-fatt iżda osservat illi l-istess fatt mhux wieħed "*sostanzjali*" fis-sens tal-liġi. Qalet ukoll illi din l-azzjoni ma saritx fit-terminu ta' tlett xhur, minnha meqjus bħala wieħed perentorju, kif stabbilit fl-Artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskju ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta). Dik il-Qorti, għalhekk, ċaħdet it-talbiet attriċi.

Is-soċjetà attriċi appellat mis-sentenza, u fil-waqt li ttenni li l-kawża saret entro t-terminu stabbilit mil-liġi, tinsisti li l-fatt waħdu li l-konvenuta Abela qarrqet bis-soċjetà attriċi, meta wieġbet "le" għad-domanda dwar jekk kenitx ġiet misjuba ħatja ta' xi reat fil-ħames snin ta' qabel il-ħrug tal-polza, dan għandu jwassal għan-nullità tal-istess polza ta' assigurazzjoni.

Din il-Qorti tosserva li, fil-mori ta' dan l-appell, ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-kawża li Sylvester Tabone fetaħ kontra Carmen Abela għad-danni ċivili relatati mal-inċident li l-Qorti Kriminali sabet ħatja lill-istess Carmen Abela u li għaliha hemm referenza fl-atti. Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Novembru, 2013 (ċitazzjoni numru 886/08), u li minnha ma tressaqx appell, dik il-Qorti sabet lill-Abela responsabbli għall-inċident fi grad ta' 75%, b'kontribuzzjoni ta' 25% tal-istess Tabone.

Dwar il-meritu, din il-Qorti tibda biex tosserva illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa kuntratt *uberrima fides*, prinċipju li hu aċċettat mill-awturi u l-ġurisprudenza kollha in materja. Kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju għal min joħroġ il-kopertura u, kwindi, hu mistenni li min jitlob assigurazzjoni jkun onest magħha u jagħtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti għall-każ. Huwa, għalhekk, prinċipju aċċettat anke mill-qrati Maltin li huwa dmir tal-assigurat li jikxef lill-assiguratur kull ċirkostanza rilevanti għall-każ, u in partikolari, billi jwieġeb korrettament għal kull domanda li jkun hemm reġistrata fil-polza.

Inoltre, meta fil-polza jkun hemm klawsola magħrufa bħala "*Basis of Contract Clause*", kif inhu fil-każ in eżami (ara l-klawsola apposita fil-"*Proposal Form*") "*the effect of this language is to incorporate the insured's answers into the insurance policy although they are not set out in the policy. An incorrect answer to anyone of these questions is fatal to the insured's claim. This is so whether he answered the questions in good faith to the best of his knowledge, or indeed, whether his response related to a material fact or not*" – R A Hassan, "*The 'Basis of the Contract Clause' in Insurance Law*". Awturi ohra (per eżempju, John Birds, "*The Statement of Insurance Practice – A measure of regulation of the insurance contract*") jaqblu ma' dan il-prinċipju, pero` jhossu li

risposta errata fuq domanda li mhiex intiża "*to disclose a material fact*", m'għandhiex tiġi wżata biex tannulla l-kuntratt.

Din l-aħħar veduta hija importanti, għax id-dover ta' bona fidi hija, fil-fatt, mixħuta mhux biss fuq l-assigurata, iżda wkoll fuq is-soċjetà assiguratriċi. Din tal-aħħar ma għandhiex tinqeda minn kull risposta żbaljata biex taħrab mir-responsabbilità tagħha taħt il-polza tal-assigurazzjoni.

Studju riċenti li sar mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq ir-relazzjoni bejn id-dover ta' bona fidi impost fuq iż-żewg naħat, tinsab fis-sentenza li dik il-Qorti tat fit-8 ta' Mejju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Limited v. Van Reeven et**, sentenza li baqgħet mhux appellata. F'dik is-sentenza, dik il-Qorti, wara li rreferiet għall-prinċipju ġenerali li l-assigurat irid jikxef kull fatt materjali marbut mat-tip ta' assigurazzjoni li jkun qed jitlob, għaddiet biex teżamina l-posizzjoni ta' soċjetà assiguratriċi fil-kuntest ta' talba li tirċievi għall-ħlas ta' kumpens. L-istudju ta' dik il-Qorti sejjer jiġi riprodott hawnhekk mhux biss għax hu interessanti, iżda aktar għall-konklużjoni li waslet għaliha, a bażi tal-ġurisprudenza u d-duttrina in materja, illi r-rapport falz magħmul fil-każ ma wassalx għal ksur tal-obbligu ta' *uberrimae fidei*. Il-fatti tal-każ f'dik il-kawża huma differenti mill-fatti ta' każ mertu ta' din il-kawża, pero`, il-prinċipji huma l-istess applikabbli. Dik il-Qorti osservat hekk in materja:

"*Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-uberrimae fides bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbazat fuq riskju fortuwitu u ghalhekk ssocjeta' assiguratrici tippretendi li matul d-durata tal-kuntratt hija tigi mgharrfa pienament b'cirkostanzi mill-assikurat stess li jistghu jbiddlu l-element ta'riskju f'wiehed akar oghli.*

"*Infatti skond il-gurisprudenza nostrali fis-sentenza, din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kienet iccittat lil Lord Mansfield fil-kaz Carter vs Boehm, meta dana spjega illi:-*

> "*Insurance is a contract upon speculation. The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".*

"*Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad irrilevat illi:*

> "*l-mistoqsijiet legali jikkonċernaw l-aktar il-materjalita` tal-fatt, u kif din tigi ggudikata. Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur ragonevoli jew prudenti dwar jekk jaccettax ir-riskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx necessarjament illi l-assiguratur necessarjament kien jagixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, izda biss li kien ikun irid jaf bil-fatt meta jkun qed jiehu d-decizjoni.*
>
> "*(Ara Container Transport Intl Inc vs Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd – 1994)".*

"*F'din is-Sentenza giet ukoll iccittata s-sentenza fl-ismijiet Joseph Micallef vs Jovin Rausi, deciza nhar is-27 ta' Ottubru 2004 per Onor. Mhallef Dr. Philip Sciberras fejn intqal illi:-*

> "*In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assiguratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi influwenti meta jokkorri l-event dannuz assigurat, li kapaci jkabbru jew jirriducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assigurat jew il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili*".

"*Din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad ghamlet referenza ghall-Artikolu 10(5) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, illi jispjega s-sostanzjalita` tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:*

> "*F'dan l-Artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux*

> *jiehu r-riskju, u f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kundizzjonijiet*".

"*Fis-sentenza fl-ismijiet Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar id-9 ta' Frar 2001, gie enuncjat illi l-obbligu illi l-assigurat jiddikjara fatt materjali jezisti "irrispettivament minn jekk hu [l-assigurat] kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta` [l-assiguratur] illi jaghmel hekk*".

"*Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe, deciza nhar id-29 ta' April 2010 per Onor.Mhallef Dr. Abigail Lofaro, gie ritenut illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjeta` ta' l-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal Rozanes vs Bowen deciza fis-sena 1928 mill-Qrati Inglizi, , fejn gie osservat illi:*

> "*It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith*".

"*Fis-Sentenza fl-ismijiet Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et, deciza nhar il-25 ta' Gunju 1962 per Onor. Mhallef Dr. Joseph H. Xuereb gie ritenut illi:*

> "*il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed ta' l-aqwa bona fede u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalli illi jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi huwa generalment ritenut illi l-proponent huwa fid-dmir illi jsemmi kull fatt illi ragjonevolment ghandu jhoss illi huwa relevanti ghall-assiguratur illi jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi*".

"*Vide ukoll sentenzi SMS Insurance Agency Limited noe vs Marco Attard, deciza nhar is-6 ta' Marzu 2006 per Onor.Mhallef Dr. Lino Farrugia Sacco; u Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe, deciza nhar il-31 ta' Jannar 1952 mill- Qorti tal-Kummerc.*

"*Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru:128/1999/1) fl-ismijiet Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg:*

> "*Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar ilkuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni talassigurat.… Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew*

*għamel rappreżentazzjoni ħażina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides."(Enfasi ta' din l-Qorti)*

"*Di piu l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrimae fides jaspetta lis-socjeta' assigurattrici.*

"*Fir-rigward tal-principju ta' uberimma fides, jew utmost good faith, u r-rimedji applikabbli fil-kaz ta' ksur ta' dan l-obbligu, intqal fis-sentenza fl-ismijiet Manifest Shipping & Co.Ltd v Uni-Polaris Insurance Co Ltd deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliz illi:*

"*[i]t was common ground between assured and underwriters that the duty of utmost good faith continues to subsist after the making of the contract. There is less common ground as to the content of the duty or as to the remedy for breach of the duty. Whatever its origin, there is force in the argument that the scope of the duty of utmost good faith will alter according to whether underwriters have to make a decision under the policy or the assured decides to make a claim, and may also be affected according to the stage of the relationship at which the scope of the duty becomes material.*"[11]

"*Huwa car illi dan l-obbligu ma jieqafx hekk kif jigi konkluz il-kuntratt bejn l-assikurat u lassikurazzjoni, izda jibqa' jissussisti sakemm tibqa' in ezistenza l-polza ta' assikurazzjoni. Kif qal l-Imhallef Hirst J fis-sentenza fl-ismijiet Black King Shipping Corp v Massie (The Litsion Pride) l-obbligu ta' uberrimae fidei huwa applikabbli "…whenever there is a contractual duty for the insured to give the underwriter information."[12] Pero, kif jidher mill-izviluppi fil-gurisprudenza tal-Qrati Inglizi, l-obbligu ta' uberimmae fides u r-rimedji ghall-ksur ta' dan l-obbligu, huma limitati wara li jigi konkluz il-kuntratt, u partikolarment fir-rigward ta' claims frawdolenti intqal illi dawn il-kazijiet ghandhom jigu regolati b'referenza ghal principju illi wiehed m'ghandux jithalla jibbenefika mill-frodi tieghu.*[13]

"*Fil-gurisprudenza tal-Qrati Ingliza jidher ukoll li huwa accettat il-principju li l-obbligu ta' uberrima fides ma jorbotx biss lill-assikurat, izda anke li assikurazzjoni, u filfatt, fissentenza fl-ismijiet Drake Insurance plc vs Provident Insurance plc intqal illi:*

"*[t]he doctrine of good faith should be capable of limiting the insurer's right to avoid in circumstances where that remedy…would operate unfairly…It may be necessary to give wider effect to the doctrine of good faith and recognize that its impact may demand that ultimately regard must be had to a concept of proportionality implicit in fair dealing.*"[14]

---

[11] [1997] 1 Lloyd's Rep 360, 370

[12] 1985] 1 Lloyd's Rep 437. Vide wkoll The Captain Panagos DP [1986] 2 Lloyd's Rep 470.

[13] Vide K/S Merc-Skandia xxxxii v Certain Lloyd's Underwriters [2001] 2 Lloyd's Rep 563, Agapitos v Agnew (The Aegeon) [2002] Lloyd's Rep I R 573, Bonner v Cox Dedicated Corporate Member Ltd [2006] Lloyd's Rep I R 385, HLB Kidsons (A Firm) v Lloyd's Underwriters [2008] EWCA Civ 1206.

[14] [2004] QB 601, [87]–[89].

> "*Dan il-principju huwa filfatt accettat ukoll mill-Qrati Maltin kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet Gordon Borda vs Elmo Insurance Agency et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi:*
>
> > "*…il-prinipju ta' uberrima fides jorbot mhux biss lill-assikurat iżda liż-żewg partijiet, u l-qorti tara illi fl-imgieba taghha s-socjetà konvenuta qieghda twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assikuratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza*."
>
> "*Kif tajjeb ifiehem Semin Park fil-The Duty of Disclore in Insurance Contract Law (1996) Dartmouth:*
>
> > "*uberrimae fidei must not be indcriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims*."
>
> "*Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioe' utmost good faith, ma japplikax biss ghall-assigurat, izda japplika ukoll ghas-socjeta assiguratrici.*
>
> "*Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe:*
>
> > "*Illi fil-fatt jirriżulta għalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika għaż-żewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell*[15] *ikkonfermat li s-soċjeta assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-4 [2004] QB 601, [87]–[89]. 5 Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 - App Ċiv Nru: 907/1996) prinċipju ta' uberrima fides u b'hekk l-imġiba tas-socjeta assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa' dan il-prinċipju minn wieħed ta' bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza…*".
>
> "*Vide wkoll Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003); Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine (P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); Joseph Rizzo vs JohnFormosa nomine et (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002)*".

Mill-premess, jidher illi dak li trid tagħmel il-Qorti hu li tara jekk in-nuqqas tal-assigurata f'dan il-każ kienx nuqqas sostanzjali u kienx iwassal lill-assiguratur prudenti u in bona fidi li ma jieħux ir-riskju jew li

---

[15] [2004] QB 601, [87]–[89]. 5 Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 - App Ċiv Nru: 907/1996)

jieħu r-riskju b'kondizzjonijiet differenti. Dan huwa, fil-fatt, l-eżami li għamlet l-ewwel Qorti f'dan il-każ. Wara li għamlet analiżi tas-sitwazzjoni u taċ-ċirkostanzi tal-każ li kienet involuta fih l-assigurata l-konvenuta Abela, sabet illi s-sejbien ta' ħtija fil-każ kriminali li kellha l-konvenut Abela ma kienx "*fatt materjali*" li kien jinfluenza l-ħruġ tal-polza.

Din il-Qorti eżaminat l-atti u tara li għandha taqbel mal-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti tal-fatti tal-każ. F'parti tas-sentenza, l-ewwel Qorti elenkat ħames ċirkostanzi, minn (a) sa (e), li wassluha tiddeċiedi li l-każ li tieghu instabet ħatja l-konvenuta Abela ma kienx wieħed sostanzjali. Dawk iċ-ċirkostanzi, fil-fehma wkoll ta' din il-Qorti, juru li għalkemm kien irriżulta veloċità eċċessiva fil-viċinanzi ta' *pedestrian crossing* da parti tal-konvenuta Abela, dan il-fatt waħdu ma kenitx il-kawża unika tal-inċident. Fil-fatt, fis-sentenza ta' bejn Tabone u Abela, li għaliha din il-Qorti għamlet riferenza aktar qabel, ġie osservat hekk dwar id-dinamika tal-inċident, bir-riferenza għar-rikorrent tkun għal Sylvester Tabone:

> "*Dan iwassal ghall-kostatazzjoni li r-rikorrent hareg minn bejn il-karozzi pparkjati u qieghed lil Carmen Abela f'posizzjoni li anke bl-uzu tal-oghla livell ta' diligenza, ma setghetx tevita l-incident. B'hekk ir-rikorrent holoq emergenza subitanea imprevedibbli li rrendiet impossibli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva. (Joseph Urpani vs Giancinto Bartolo, 28 ta' Mejju, 2003). Bil-kondotta tieghu r-rikorrent holoq emergenza subitaneja lill-intimata, li kienet wahda imprevedibbli u inevitabbli ghaliha f'dawk ic-cirkostanzi partikolari*".

Hu veru li din is-sentenza ma kenitx a disposizzjoni tas-soċjetà attriċi meta ħarġet il-polza ta' assigurazzjoni, pero`, il-fatti kienu, u kieku s-soċjetà assiguratriċi eżaminat sew il-fatti tal-każ li issa qed jipprovaw jużaw biex jaħarbu milli jħallsu kumpens, kienu jindunaw li n-nuqqas tal-konvenuta Abela li ma tindikax dak l-inċident fil-*proposal form* ma kienx daqshekk materjali li kien jinfluenza l-ħruġ tal-polza.  F'dak l-inċident l-assigurat kienet rinfaċċata b'emerġenza subitanea imprevedibbli, u minkejja li nstabet responsabbli in parte (minħabba sewqan eċċessiv viċin *pedestrian crossing*), fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-kondotta tagħha ma kenitx tali li kellha twassal għaċ-ċaħda tat-talba li saret mill-konvenuta Abela għall-ħruġ tal-polza ta' assigurazzjoni jew għat-tiġdid tal-istess.

Kif qal Lord Hughes fil-kawża deċiża mis-Supreme Court tal-Ingilterra fil-kawża fl-ismijiet **Versloot Dredging BV v. HDI – Gerling Industries Versicherung (The DC Merwestone)** fl-2016 (UKSC45):

> "*there is plainly a difference of quality between the insured who deals fraudulently with his insurer in an attempt to gain something to which he is not entitled, and the insured who dishonestly gilds the lily with a lie or falsified evidence, but stands thereby to obtain nothing more than was his legal due*".

Din il-Qorti hi sodisfatta li, f'dan il-każ, l-ewwel Qorti għamlet analiżi tajjeb tal-fatti tal-każ, u ma tarax li hemm raġuni biex tiddisturba l-apprezzament tagħhom li għamlet.

Fid-dawl ta' dan ma tarax bżonn li tidħol fl-aggravju l-ieħor relatat mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li l-istanza hija, f'kull każ, *fuori termine*.

Għal kull buon fini din il-Qorti tgħid li taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li t-terminu ta' tlett xhur impost fl-Artikolu 10(3) aktar qabel huwa perijodu ta' dekadanza u jista' jiġi sollevat *ex officio* mill-qorti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Montaldo Insurance Agency Limited nomine billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjetà attriċi appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb